**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Jean Paul Grech B.A., LL.D**
**M.Juris (Int. Law), Adv. Trib. Eccl. Melit**

**SENTENZA**

Mogħtija illum il-Ħamis, disgħa (9) ta' Mejju 2024

Kawża Nru 3287/2024

**Il-Pulizija**
**(Spettur James Mallia)**

Vs

**Fredrick Dalli**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba kontra **Fredrick Dalli** ta' tnejn u erbgħin (42) sena, iben Carmel u Alfreda nee Barbara, imwieled Pieta, fit-tnax (12) ta' Novembru tal-elf disa' mija u tnejn u tmenin (1982) u residenti numru tlieta u tletin (33), Simla Flat, Flat 1, Triq San Edwardu, Qormi, Malta detentur tal-karta tal-identita numru 619882(M) fejn ġie akkużat talli fit-tmintax (18) ta' April 2024 bejn is-siegħat 08.30am u 8.50am ta'

filgħodu u fi Triq S Zerafa, Ħamrun, Triq Diċembru Tlettax, Ħamrun, Triq Sant' Anna, Floriana, Malta u postijiet oħra diversi fil-Gżejjer Maltin:

(1) saq il-vettura ta' għamla KIA bin-numru tar-reġistrazzjoni DQZ 641 mingħajr ma kellu liċenzja tas-sewqan;

(2) talli wkoll saq il-vettura ta' għamla KIA bin-numru tar-reġistrazzjoni DQZ 641 mingħajr ma kien kopert b'polza ta' assikurazzjoni dwar ir-riskji għal terzi persuni;

(3) naqas wkoll milli jħares xi waħda u/jew aktar minn waħda, mill-kondizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti Kriminali (Malta), Imħallef Dr J. Demicoli LL.D fid-digriet mogħti nhar l-għoxrin (20) ta' Lulju 2021 kif wkoll mill-Qorti Kriminali (Malta) Imħallef Dr. J Demicoli LL.D fid-digriet mogħti nhar il-ħamsa u għoxrin (25) ta' Marzu 2021 u li permezz tiegħu l-istess Fredrick Dalli ingħata l-ħelsien mill-arrest taħt diversi kundizzjonijiet;

(4) wkoll talli għamel reat ieħor wara li kien ġie kundannat għal reat b'sentenza tal-Qorti tal-Appell bħala Qorti Kriminali preseduta mill-Imħallef Dr E. Grima 23/02/2024, Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali preseduta mill-Maġistrat Dr Victor Asciak, datata 10/05/2022, Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali preseduta mill-Maġistrat Dr Victor Asciak, datata 16/05/2023, Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, preseduta mill-Maġistrat Dr Victor Asciak

datata 16/05/2023 liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jinbidlu, b'hekk ġab ruħu riċediv.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena stabbilita mil-Liġi, tirrevoka l-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest mogħti lil Fredrick Dalli u tordna l-arrest mill-ġdid tal-istess Fredrick Dalli u dan ai termini tal-artikolu 579(3) tal-Kodiċi Kriminali Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex id-depositu kif wkoll il-garanzija personali jgħaddu favur il-Gvern ta' Malta.

Fil-każ ta' kull reat ieħor taħt is-sub-artikolu (1) b'żieda għall-piena skont dak is-subartikolu, il-Qorti ġiet mitluba tiskwalifika lill-ħati milli jkollu jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan għal żmien ta' mhux anqas minn tmint ijiem.

Rat id-dokumenti kollha esebiti;

Rat li fis-seduta tal-lum l-akkużat rreġistra ammissjoni għall-akkużi kollha dedotti kontra tiegħu. Fid-dawl ta' din l-ammissjoni l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' tali ammissjoni u tatu żmien xieraq sabiex jerġa' jikkunsidra mill-ġdid l-ammissjoni tiegħu;

Semgħet lill-akkużat jikkonferma l-ammissjoni tiegħu;

Semgħet lill-Prosekuzzjoni u lid-Difiża jittrattaw fuq il-piena;

Ikkunsidrat;

In vista tal-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-akkużat, il-Qorti m'għandhiex triq oħra għajr li issib lil-akkużat ħati tal-akkużi kollha li ġew miġjuba fil-konfront tiegħu. Tenut kont tal-ammissjoni bikrija tal-akkużat, għar-rigward piena l-Qorti sejra tmur fuq il-minimu tal-piena li hija obbligata li teroga fiċ-ċirkostanzi f'każ ta' sejbien ta' ħtija. Għall-fini ta' piena, il-Qorti sejra wkoll tieħu in kunsiderazzjoni tal-fatt li kif issenjalaw il-Prosekuzzjoni u d-difiża waqt it-trattazzjoni tagħhom għar-rigward piena: (a) l-ħati ikkollabora bi sħiħ mal-Pulizija; (b) il-ħati għamel diversi tentattivi sabiex huwa jottjeni liċenzja tas-sewqan iżda qed isib diffikulta biex huwa jgħaddi mill-eżami tat-teorija minħabba li ma jafx jaqra u jikteb sewwa. Għalkemm dan kollu ma jiġġustifika bl-ebda mod li persuna tikser il-liġi, il-Qorti tqis li dawn huma fatturi mitiganti fejn tidħol piena u huwa għalhekk li l-Qorti sejra teħodhom in kunsiderazzjoni.

- **<u>Decide</u>**

Għaldaqstant għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-artikoli 15(1)(a) u 59 tal-Kap. 65, l-artikolu 3(1) tal-Kap. 104 u l-artikoli 49, 50 u 579(2) tal-

Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq ammissjoni tiegħu stess, qiegħda issib lill-akkużat ħati tal-akkużi kollha dedotti fil-konfront tiegħu.

Għar-rigward l-ewwel (1), it-tieni (2) u r-raba' (4) akkuża il-Qorti qed tikkundannah għall-piena ta' xahar priġunerija effettivi.

Fir-rigward tat-tielet (3) akkuża qed tikkundannah għall-ħlas ta' multa ta' tlett mitt ewro (€ 300).

Wara li rat wkoll l-artikoli 579(2) u 579(3) tal-Kap. 9, tenut kont wkoll taċ-ċirkostanzi tal-każ kif spjegat mill-partijiet fit-trattazzjoni tagħhom dwar il-piena, tal-kooperazzjoni sħiħa u inkundizzjonata tal-istess ħati kif wkoll tal-ammissjoni bikrija tiegħu, il-Qorti mhux sejra tordna l-konfiska ta' xi parti mill-garanzija mogħtija mill-ħati u lanqas sejra tordna l-arrest mill-ġdid tiegħu f'dawk il-proċeduri li għadhom pendenti u li fihom ingħata l-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest.

Finalment wara li rat l-artikolu 3(2)(A) tal-Kap. 104, il-Qorti qed tiskwalifika lill-ħati milli jkollu jew jottjeni liċenzja tas-sewqan għall-perijodu ta' tnax (12) -il xahar, liema perijodu għandu jibda jiddekorri mit-tlieta u għoxrin (23) ta' Frar 2025.

**Dr. Jean Paul Grech**

**Maġistrat**